Minuti tal-laqgħa numru dsatax (19) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar il-Ħamis, 29 ta' Jannar, 2026 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Muniċipali, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

19.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Ittri ta' Apoloġija u Presedenza

Inqraw l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u tal-kunsillier is-Sa Graziella Brincat u dawn ġew aċċettati unanimament. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

19.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tmintax** — Minuti

Il-minuti tas-seduta numru tmintax ma waslux għand il-kunsillieri mal-agenda ħamest ijiem qabel u lanqas inqraw fuq deċiżjoni tal-Kunsill u għaldaqstant dawn ma ġewx approvati.

19.03 **Ċedola tal-Pagamenti 377** — Ċedola tal-pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 377 kienet ikkunsidrata u apporovata unanimament u iffirmata.

19.04 **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru 94** — Ċedola tax-Xiri

Iċ-ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru 94 kienet ikkunsidrata approvata u ffirmata.

19.05 **Devoluzzjoni (16 u 39 Triq l-Isptar) u l-irtirar tad-devoluzzjoni tal-Art viċin l-Iscouts mal-Kamra viċin tal-Gallerija tal-Palju** — Devoluzzjoni

Kien deċiż li l-Kunsill jipproċedi bid-devoluzzjoni tal-proprjetajiet numru 16 u 39 fi Triq l-Isptar. Hawn is-Sindku spjega dak li l-Kunsill preċedenti kien ħadem u qabel fuqha. Dak inhar il-Kunsill iddeċieda li japplika f'isem il- 1st Rabat Scout Group għal art li tinsab biswit il-binja tal-Scouts bil-patt u kundizzjoni li huma jċedu l-binja li tinsab bisswit il-gallarija tal-Palju fi Triq it-Tiġrija. Ġaladraba l-Kunsill ingħata din l-art allura dan it-tpartit jista jseħħ. Hawn il-Kunsill qabel unanimament. B'hekk il-Kunsill ser jirtira d-devoluzzjoni tal-art viċin l-iscouts fi Triq San Patrizju u jottjeni bi tpattija l-kamra tal-Iscouts fi Triq it-Tiġrija.

19.06 **Reviżjoni fir-rati - Reklamar fuq Għamara tat-Toroq Bye-Laws, 2005** — Reklamar fuq għamar tat-toroq

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra r-rati tal-bye-laws ta' Kunsilli oħra u iddeċieda illi jagħmel talba biex jiġu reveduti r-rati kif ġej:

| *Daqs* | *Ġimgħatejn* | *Xahar* | *Sena* |
|---|---|---|---|
| Ma jeċċedix il-0.5 metri kwardi | €30 | €50 | €200 |
| Minn 0.51 metru kwadru sa 1.0 metru kwadru | €60 | €100 | €500 |
| Jeċċedi iż-2.0 metri kwardri | €120 | €200 | €1000 |

Jeċċedi ż-2.0 metri kwadri - €20 kuljum suġġett għal minimu ta' €400.

19.07 **Tismija ta' toroq ġodda** — Ismijiet ta' toroq

Kienu proposti dawn l-ismijiet Triq il-Tilliera, Triq is-Sagħtar u kienet konfermata Triq Bieb ir-Ruwa skont is-suġġeriment tal-Kumitat tat-Tismijia tat-Toroq.

19.08 **Talba għal kumpens –**

19.08.01 **Inċident fuq vettura fi Vjal il-Ħaddiem** — Inċident b'vettura

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra r-rapport tal-Pulizija iżda m'hemm l-ebdà evidenza li l-allegat inċident seħħ f'din it-triq għaliex it-talba ma kienetx akkumpanjata b'ritratti. Għaldaqstant l-inċident ma jistax jiġi kkonfermat.

19.08.02 **Inċident fuq vettura fi Triq il-Buskett** — Inċident b'vettura

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra r-rapport magħmul l-għada għand il-Pulizija. Dan il-każ m'għandu l-ebdà evidenza b'ritratt fejn allegatament seħħ l-inċident. Fin-nuqqas ta' din l-evidenza l-KLR ma jistax jipproċedi bir-rimbors kif mitlub.

19.09 **Tiġdid ta' kirja ta' 7, Triq l-Isptar** — 7, Triq l-Isptar

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat fid-dawl li issa ta ċ-ċwievet lis-Sur Mario Tonna tal-garage li kien qed juża fi Triq Bir ir-Riebu viċin il-makna tal-ġwies, kif ukoll fid-dawl li qata l-kirja tal-garage tas-Sur Pawlu Tanti fi Triq Ġużeppi De Piro, iddeċieda li jżomm il-post tal-Agostinjani fuq in-naħa l-oħra tat-triq tal-Muniċipju tal-Kunsill għall-ħażna ta' dokumenti u affarijiet ħfief.

19.10 **Skema Lokali – Life Long Learning 2026-27** — Lifelong Learning

Il-KLR se japplika għal diversi korsijiet biex isiru kemm mis-sala tal-Kunsill kif ukoll mill-Iskola Primarja B. Fosthom dak tal-inklużjoni diġitali speċjalment għall-anzjani, ċombini, ganutell kif ukoll suġġetti bażiċi bħal Ingliż u Malti. Dan hekk kif ningħataw il-permess mill-Iskola.

19.11 **Ħruġ ta' Offerta Pubblika għad-dwal tat-toroq fi Ġnien il-Barnuża l-Ħamra il-Baħrija.** — Ġnien Barnuża l-Ħamra

Mica Med Ltd informa lill-KLR li parts għal fanali eżistenti ta' dan il-ġnien m'hawnx fis-suq. Qalulna wkoll li l-parts jiġu jiswew ħafna flus u mhux worth it li jibqa jsir xogħol ta' tiswijiet fuq dawn l-arbli. Għaldaqstant kien rakkomandat mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus illi tinħareġ offerta pubblika għalihom. Din se tkun tinkludi wkoll it-tkomplija tal-*fence* tal-ħadid mal-ġnien bħal dak eżistenti madwar il-*Playground*. Għal din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

19.12 **Tiġdid tal-Lift Maintenance Agreement taċ-Ċentru Ċiviku** Lift taċ-Ċentru Ċiviku

Peress li l-KLR għandu devolut lilu il-komun taċ-Ċentru Ċiviku u għalhekk fir-responsabbilità tal-manutenzjoni tal-lift, ma kienx hemm oġġezzjoni biex inġeddu l-*Lift Maintenance Agreement* mal-istess kumpanija li kienet waħħlitu.

19.13 **Donazzjoni lill-għaqda filantropika** Puttinu Cares

Kien deċiż li d-donazzjoni li nġabret mill-*Breakfast with Santa* jingħataw lil Puttinu Cares.

19.14 **Attività tal-Karnival** Karnival u Breakfast

Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq l-attività li se ssir nhar il-15 ta' Frar 2025. Hija spjegat li se jkun hemm karru tal-karnval li se jintrama' mit-tfal stess quddiem il-Knisja ta' Ġieżu, imbagħad jinżel fi Triq San Pawl viċin il-Kappella ta' Duna, jitla' b'parata sal-Parroċċa u se jkun hemm logħob għat-tfal kemm fit-triq kif ukoll fuq iz-Zuntier tal-Parroċċa. Se nitolbu lill-għaqdiet sabiex jorganizzaw ukoll xi ikel u xorb waqt l-attività.

Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet fuq l-attività (Breakfast bit-tombla) li se tkun organizzata f'Ta' Muskettuni nhar il-11 ta' Frar 2026. Hija qalet illi peress li fil-poster m'hemmx miktub li dan qiegħed l-Imġarr, tajjeb li fil-post fuq is-s*ocial media* ikun hemm ċar li din l-attività se ssir l-Imġarr.

19.15 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerti pubbliċi - Ġonna** Tenders

Il-Bord ta' Evalwazzjoni iltaqa' għal darba oħra eżattament qabel din il-laqgħa tal-Kunsill u s-SE kien għadu jibgħat il-klarifiċi lill-*bidders* għaliex id-dettalji li ingħataw ma ssodisfawx lill-evalwaturi. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni għadha mhux konkluża.

**Punti Oħra**

19.16.01 Is-Sur Rudolph Grima iltaqa' mas-Sur Mario Camilleri u s-Sur Stephen Bonello dwar l-attività Rabat Sacrum 2026. Hu qal li se jiltaqgħu mal-għaqdiet biex tkun tista' tittella din l-attività nhar id-19 ta' Settembru, 2026 li din is-sena se tkun marbuta ma' dak kollu li ħallitilna l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-Imqades tar-Rabat. Rabat Sacrum

19.16.02 Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq il-proġett u l-andament tax-xogħlijiet tas-Saqqajja. Hu issuġġerixxa illi peress li issa ma jistgħux jgħaddu n-nies minn fuq il-bankina ta' quddiem l-APS, għandu jkun hemm bħal kuridur 'l barra mil-hoarding biex in-nies ma jimxux f'nofs ta' triq. Tkellem ukoll dwar il-parti viċin id-djar skedati li għad irid jitħaffer fiha l-gandott. Hu qal illi hawnhekk il-hoarding se jkun qed jipperikola l-istess residenti. Dan għaliex se jkun qed jostor id-djar u faċilment tista' sseħħ xi serqa. Għaldaqstant qed ikun suġġerit illi jitwaħħal aktar dawl artifiċjali temporanju filwaqt li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex is-sigurtà tar-residenti tkun imħarsa fin-nuqqas li ma tkunx qed tintuża dik il-parti tal-bankina. Is-Sindku nforma lill-mebri li dan ser jiddiskutieh mal-Perit tal-proġett. Proġett tas-Saqqajja

19.16.03 Is-Sur Norbert Grech tkellem dwar il-bżonn li jsir *refreshing* tal-*white lines* fil-Baħrija viċin il-Pjazza kif ukoll biex jitwaħħlu s-*sleeping policemen* fejn kien indika hu stess f'diversi laqgħat preċedenti fil-Baħrija. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ikkummenta illi qed nistennew li tkun evalwata t-tender tal-marki u s-sinjali li għaliha hemm xi ħames bidders. Is-Sindku semma wkoll li l-kunsilliera m'għandhomx iħallu l-complints għal-laqgħa tal-Kunsill imma għandhom jgħaddu l-ilmenti direttament lill-ħaddiema tal-customer care tal-Kunsill ħalli ma jinħeliex żmien biex jiġu solvuti l-każijiet. Refreshing u Sleeping Policemen

Is-Sur Paul Grech telaq fis-6.50pm u kien skużat

19.16.04 Is-Sa Charmaine Balzan staqsiet diversi mistoqsijiet dwar l-operat tal-*Inclusion Hub* li għad irid jinbenà f'Għajn Qajjet. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet bħalissa mas-CEO tas-Sapport u imbgħad mal-Ministeru tal-Anzjanità Attivà. Inclusion Hub

19.16.05 Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq il-bżonn li tingħata l-konkos parti 'l barra mil-linja ta' Triq il-Buskett. Is-SE identifikaha dak il-ħin permezz tal-*googlemap* fuq il-*big screen* kif ukoll ħitan tas-sejjiegħ imwaqqgħin fi Triq Ħad Dingli u Misraħ Suffara kif ukoll il-bżonn ta' manutenzjoni fi Triq Godwin Ganado f'Tal-Virtù. Manutenzjoni

19.16.06 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-maltempata Harry. Hu qal li minkejja li r-riħ għamel diversi danni u fl-istess ħin talab lil kunsillieri jibgħatu r-ritratti lis-SE sabiex dan jirrappurtahom lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-ikbar inkwiet kien is-silġ li imblokka diversi djar u toroq. Silġ li qatt ma rajna bħalu u li weħlu vetturi fih (Triq il-Katakombi, f'Ħal Bajjada) kif ukoll kellhom jingħalqu toroq bħal parti mil-Belveder ta' Għeriexem. Is-Sindku, s-Sur Craus issuġġerixxa sabiex inqajmu aktar *awareness* biex per eżempju kull familja jkollha pala tal-ħadid biex tneħħi s-silġ minn quddiem it-toqob tal-katusi tal-bjut għaliex ċertu soqfa ma jifilħux għal piż tiegħu u Alla ħares qatt jintradmu n-nies ħajjin. Hu semma wkoll li l-Kunsill għandu jħejju pjan ta' emerġenza f'każ ta' maltempata u għandna jkollna nies preparati għal kull eventwalita. Maltempata Harry

19.16.07 Is-Sur Terrence Sant tkellem fuq il-bżonn illi jsiru l-kaxxi tal-parkeġġi fi Triq il-Ħobbejża, Triq il-Fidloqqom u Triq il-Fejġel. Dan għaliex meta dawn it-toroq kienu saru minn Infrastruttura Malta, minflok kaxxi Infrastructure Malta kienet għamlet *dotted lines* u issa kulħadd qed jipparkja b'tali mod li ma jħallix spazju fejn tidħol vettura quddiemu u warajh u qed jinħela ħafna spazju kapriċċożament. Talab ukoll sabiex jitpoġġew *sleeping policemen* jew ikunu stallati speed cameras fi Vjal il-Ħaddiem fil-Belveder ta' Għeriexem u anke fi Triq San Piju fil-parti d-dejqa. Is-Sur Sant ta rendikont fid-dettal tas-CCTVs li twaħħlu fir-Rabat mil-kumpanija ISPY li qal li sabu diffikultà dwar dawk proposti fil-Belveder ta' Għeriexem kif ukoll fil-parkeġġ f'Wesgħet il-Mużew.–Hu semma li l-cameras kienu fi Gnien Bir l-Iljun, Gnien Barnuża l-Ħamra u Ġnien Għar Barka. Twaħħlu wkoll mal-Knisja ta' San Franġisk u mal-Knisja ta' Santu Wistin, mal-Latrini tal-Baħrija u ta' Triq il-Kulleġġ, fil-Pjazza u fuq iz-Zuntier. Qal li dak li nbidel kien minħabba l-fatt li jew il-cameras kienu spiċċaw jew waslu biex jew l-apparat mhuwiex Parkeġġi, Sleeping Policemen, speed cameras u cctv s

kompatibli mas-sistema nstallata jew kien fi stat ħażin. Hu kkonkluda li dak li sar kien biex ikollna sistema ta' sorveljanza tajba. Is-SE qal li qed ikun hemm ħafna talbiet mil-Pulizija biex dawn jaraw il-filmati u peress li l-computer li kien stallat mis-Sur Sant għadu mhux imqabbad mas-sistema tal-cameras allura dawn mhux jirnexxilhom jaraw xejn. Is-Sur Sant qal li se jirranġa fil-futur qrib il-programm/l-internet u ser jara li kull camera tkun tista tigi accessata minn dan il-kompjuter

19.17 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Din il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u dik li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026 fil-5.00pm.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18/2/26 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku